# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 536/2014/VG**

**A.L.M. Enterprises Ltd (C8473)**

**vs**

**U.C.I.M. Co. Ltd (C34235) u Elmo Insurance Ltd (C3500)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-31 ta' Lulju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati ihallsuha s-somma ta' tlett elef erba mija u tmenin euro [€3,480] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u tmenin euro (€3480), rapprezentanti din is-somma, danni likwidati hekk sofferti minnha, ossia telf ta' qliegh, fil-perjodu ta' bejn l-4 ta' Settembru 2012 u l-1 ta' Novembru 2012, ikkagunati min-nuqqas ta' utilizzabilta tal-vettura tas-socjeta attrici, bin-numru ta' registrazzjoni BGY065, liema vettura giet

hekk reza inutilizzabbli unikament htija tas-socjeta intimata U.C.I.M. Co. Limited. Minkejja illi s-socjetajiet intimati interpellati sabiex jhallsu lis-socjeta attrici is-somma hawn fuq mitluba, huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjetajiet intimati, jew min minnhom, illi jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata U.C.I.M Co. Limited minnha pprezentata fis-26 ta' Awwissu, 2014** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta konvenuta teccepixxi illi l-hsarat subiti mis-socjeta attrici graw b'accident jew b'forza magguri a tenur tal-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, in aggunta ma' dak appena premess, is-socjeta konvenuta tirrileva illi fid-data tal-incident de quo, u cioe fit-3 ta' Settembru 2012, il-gzejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija u inaspettata li halliet herba shiha f'diversi lokalitajiet partikolarment fic-centru u n-nofsinhar ta' Malta fejn jinsab l-istabbiliment tas-socjeta konvenuta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Kwindi, l-imsemmija socjeta qatt ma tista tistab responsabbli ghal xi dannu versu l-atturi;

3. Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita tad-danni pretizi mis-socjeta attrici huwa kontestat.

Ghaldaqstant l-istess socjeta attrici ghandha tressaq l-ahjar prova tad-danni skond il-ligi;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi, bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata Elmo Insurance Limited minnha pprezentata fis-26 ta' Awwissu, 2014** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi, preliminarjament, is-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited mhix legittima kontradittrici tas-socjeta attrici. Ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, is-socjeta attrici trid iggib l-ahjar prova ta' htija ghall-incident de quo, liema prova tinkombi lilha biss skond il-ligi;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita tad-danni pretizi mis-socjeta attrici huwa kontestat. Ghaldaqstant l-istess socjeta attrici ghandha tressaq l-ahjar prova tad-danni skond il-ligi;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi, bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici".

Ra l-verbal datat 25 ta' Novembru, 2014 u li permezz tieghu, d-difensuri tal-partijiet qablu li x-xhieda fil-kawza GasanMamo Insurance Limited vs UCIM Co. Limited (Numru 750/13/JRM) ghandha tghodd bhala provi f'dawn il-proceduri u b'hekk m'hemmx il-htiega li dawk in-nies li xehedu jergghu jitilghu, salv dejjem ghad-dritt tas-socjeta rikorrenti li taghmel il-kontro-ezamijiet relattivi.

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti tal-kawza fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited vs UCIM Co. Limited (Numru 750/13/JRM);

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti tal-kawza Middlesea Insurance plc vs Waldorf Auto Services Co. Ltd et (Talba Nru. 327/14);

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €3480 minghand is-socjetajiet intimati rapprezentanti danni likwidati hekk sofferti minnha, ossia telf ta' qliegh, fil-perjodu ta' bejn l-4 ta' Settembru 2012 u l-1 ta' Novembru 2012, ikkagunati min-nuqqas ta' utilizzabilta tal-vettura tas-socjeta attrici, bin-numru ta' registrazzjoni BGY065, liema vettura giet hekk reza inutilizzabbli unikament htija tas-socjeta intimata U.C.I.M. Co. Limited. Is-socjeta intimata U.C.I.M Co. Limited laqghet ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti billi qalet li kienet qeghda tecepixxi li l-hsarat subiti mis-socjeta rikorrenti graw b'accident jew b'forza magguri a tenur tal-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u li dan qeghda tghidu peress li fid-data tal-incident de quo, u cioe fit-3 ta' Settembru 2012, il-gzejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija u inaspettata li halliet herba shiha f'diversi lokalitajiet partikolarment fic-centru u n-nofsinhar ta' Malta fejn jinsab l-istabbiliment taghha. Ghalhekk, kompliet tghid li hija qatt ma tista tistab responsabbli ghal xi dannu versu s-socjeta rikorrenti. Konsegwentement, kompliet issostni, t-talbiet tas-socjeta rikorrenti fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom. Minghajr pregudizzju ghal dan kollu, hija qalet ukoll li l-entita tad-danni pretizi mis-socjeta rikorrenti huwa kontestat u li ghalhekk hija ghandha tressaq l-ahjar prova tad-danni skond il-ligi. Da

parti taghha, s-socjeta intimata Elmo Insurance Limited qalet li hija ma hijiex il-legittima kontradittrici tas-socjeta rikorrenti u li ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghar-rigward tal-htija, hija qalet li jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti li ggib l-ahjar prova ta' htija ghall-incident de quo, u li l-entita tad-danni pretizi minnha huma kontestati u li ghalhekk hija ghandha tressaq l-ahjar prova tad-danni skond il-ligi.

Ikkunsidra;

2. **Xehed Joseph Schiavone**, Kap ta' l-Ufficju Metereologiku. Huwa pprezenta dokument li gie mmarkat bhala dok. JS1 (fol. 22). Qal li dan ir-rapport, li thejja minnu, hemm l-informazzjoni dwar ir-rih, il-vizibilta, it-temp, it-temperatura u rimarki dwar il-kundizzjonijiet tat-temp bejn it-2 u l-4 ta' Settembru, 2012. Inkluz f'dawn ir-rimarki hemm ukoll inkluz l-ammonti tax-xita li nizlet f'dak il-perjodu. Il-hin indikat fir-rapport huwa dak maghruf bhala *Universal Time Centre* u ghalhekk wiehed ikun irid izid saghtejn mieghu. Qal li fit-3 ta' Settembru, 2012 "*kien hemm maltempata partikolarment kbira*" (fol. 20). Kompla jghid li minkejja li din il-maltempata ma kienitx l-akbar wahda li qatt kien hawn f'Malta, "*din kienet wahda mill-kbar*" (fol. 20). In kontro-ezami huwa qal li l-precipitazzjoni tax-xita kienet wahda intensiva fi zmien relattivament qasir. Fit-3 ta' Settembru, 2012 kien hemm l-aktar ammont ta' xita li nizlet bejn il-perjodu tat-2 u l-4 ta' Settembru, 2012. Zied ighid li hekk kif appena l-ufficju metereologiku jkun infurmat li tkun gejja maltempata, huma jiehdu hsieb li jinfurmaw mal-ewwel lil protezzjoni civili.

3. **Matthew Grech**, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal li din is-socjeta "*taghmel xoghol ta' transport services, chauffer services u car hire*" (fol. 28). Qal ukoll li s-socjeta minnu rapprezentata kienet xtrat u akkwistat il-vettura tat-tip Hyundai Sonata minghand is-socjeta intimata UCIM Co. Ltd. Zied ighid li jekk mhux sejjer zball, huwa kien ha din il-vettura fil-garaxx ta' l-imsemmija socjeta intimata sabiex jaghmlulha l-*clutch* u l-*pressure plates*. Peress li l-UCIM Co. Ltd ma ellhiex dawn il-*parts*, hija riedet tordnahom minn barra. Sussegwentement huwa gie nfurmat li l-*parts* kienu waslu u li

dawn kienu ser jigu nstallati fuq l-imsemmija vettura. Xogholu kien li meta din titlesta huwa jmur jigborha. X'hin ghamel hekk, huwa sab il-vettura mgharrqa. Spjega li "*s-seats tal-vettura kienu mtebbghin u allura jiena stajt nikkonkludi illi l-ilma kien tela sa dak is-sinjal illi kien hemm mas-seats*" (fol. 29). Kompla jghid li huwa sab il-vettura tas-socjeta rikorrenti gewwa l-garaxx tas-socjeta intimata UCIM Co. Ltd u li hadd ma kien avzah li l-imsemmija vettura kienet gherqet. Meta staqsa hadd ma tah sodisfazzjon dwar dan il-punt. Wara huwa kellem lill-assikurazzjoni tieghu u cioe l-Middlesea li bdiet korrispondenza direttament mas-socjeta intimata l-ohra Elmo dwar il-kwistjoni. Qal li kien hallas l-*excess* sabiex ikun jista jiehu r-*refund* tal-imsemmija vettura u b'kollox ha s-somma ta' bejn ghaxar u hdax-il elf euro (€10,000 - €11,000) minghand l-assikurazzjoni tieghu Middlesea.

Ix-xhud qal li s-socjeta minnu rapprezentata kienet ghamlet talba ghal *loss of earnings* bejn il-perjodu 4 ta' Settembru u 1 ta' Novembru, 2012. Dan il-perjodu, kompla jghid ix-xhud, kien ikopri z-zmien li kienu qeghdin isiru n-negozjati bejn iz-zewg kumpaniji ta' assikurazzjoni ghar-rigward ta' x'kien ser jigri fir-rigward tal-hlas tal-vettura tas-socjeta rikorrenti li kienet gherqet waqt li din kienet fil-pussess tas-socjeta intimata UCIM Co. Ltd. Huwa kien hejja dokument li gie mmarkat bhala dok. MG 1 (fol. 38) u skont l-istess dokument jirrizulta li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda titlob il-hlas ta' €60 kuljum bejn l-4 ta' Settembru u l-1 ta' Novembru 2012 cioe 58 gurnata. Dan l-ammont huwa l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri odjerni u cioe l-ammont ta' €3,480. Huwa qal li s-socjeta intimata Elmo kienet kitbet lis-socjeta rikorrenti u nfurmata li hi ma kellha x'taqsam xejn mal-kwistjoni. Ix-xhud kompla jispjega li s-socjeta rikorrenti kellha tikri vettura ohra sabiex tkun tista tahdem biha u li hi hallset lill-iSterling Car Hire l-ammont ta' €3380 ghar-rigward ta' dan il-kiri (dok. MG 4 - fol. 41).

Huwa esebixxa ukoll sett ritratti li juru fejn kienet il-vettura tas-socjeta rikorrenti fil-garaxx tas-socjeta intimata (dok. MG6 a fol. 46 et seq).

In kontro-ezami huwa qal li din il-vettura hija tat-tip *chauffer driven* u tintuza mis-socjeta rikorrenti sabiex tkun tista ssuq lill-klijenti taghha. Din l-unika vettura li kienet tat-tip *chauffer driven* fil-pussess tas-socjeta rikorrenti. Ghar-rigward tal-*bookings* huwa qal li dawn jidhlu minn diversi sorsi. Daqqa direttament meta jcemplu l-klijenti u daqqa minghand kumpaniji ohra li s-socjeta rikorrenti tahdem maghhom. Dawn il-*bookings* jidhlu jew dak il-hin jew inkellha ghal gimgha shiha. Huwa obbliga ruhhu li jesebixxi kopja ta' l-*emails* li kienu ntbaghtu lis-socjeta rikorrenti ghal-*bookings* ta' l-imsemmija vettura bejn l-4 ta' Settembru, 2012 u l-1 ta' Novembru, 2012. Qal ukoll li l-ammont ta' €3480 reklamat mis-socjeta rikorrenti permezz ta' dawn il-proceduri "*huma l-ispejjez li jiena soffrejt tal-karozza li kelli nikri f'dan il-perjodu sabiex ma jikbirx it-telf*" (fol. 30). Dan l-ammont kien diga thallas mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta Sterling Car Rentals. Dan il-prezz kien l-ahjar wiehed fis-suq u dan seta jghidu l-ghaliex huwa kien ikkomunika ma garaxxijiet ohra sabiex jqabbel il-prezzijiet ghal kiri ta' vetturi ta' dan it-tip.

Ix-xhud qal li l-assikurazzjoni tieghu kienet infurmatu li s-socjetajiet intimati ma riedux jaccettaw it-talba li kienet saret mis-socjeta rikorrenti. Qal ukoll li sussegwentement huwa sar jaf li s-socjeta intimata kienet hallset lil terza persuna l-flus ghall-karozza li wkoll inzertat li kienet fil-garaxx dakinhar tal-maltempata u li kienet gherqet.

Huwa qabel ma dak suggerit lilu li qabel ma s-socjeta rikorrenti hallset l-*excess* hija ma setatx tithallas tal-vettura taghha u li din l-*excess* thallset wara li l-vettura giet dikjarata *beyond economical repair*. Il-vettura tas-socjeta rikorrenti sussegwentement inxtrat min terza persuna peress li kif diga inghad kienet *beyond economical repair*.

Mistoqsi fuq il-kundizzjoni metejorologici dak-in-nhar ta' l-incident, ix-xhud qal li huwa jiftakar li kien hemm maltempata kbira u li l-vettura tas-socjeta rikorrenti kienet tinsab fil-garaxx tas-socjeta intimata UCIM Co. Ltd li huwa gholzat madwar nofs metru mit-triq.

Fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2015 ix-xhud Matthew Grech qal li huwa kien xtara l-vettura l-ohra tieghu wara li huwa kien thallas mis-socjeta Middlesea tal-vettural-ohra li kienet gratilha l-hsara.

4. **Carmel Galea** *parts manager* mas-socjeta intimata UCIM Co. Ltd qal li fil-granet li fiha sehhet il-maltempata huwa kien fil-garaxx fejn kien hemm il-vettura tas-socjeta rikorrenti. Zied ighid li dan il-garaxx ilu jintuza mis-sebghajnijiet. Ghal xi zmien, parti mill-operat tas-socjeta intimata ma baqax isir minn dan il-garaxx u fil-fatt marru gewwa San Gwann. Dan peress li l-fond ta' l-Imsida kien wiehed zghir ghax-xoghol ta' servicing, panel beating u spray painting li kienu jaghmlu. Qabel mal-fatt li fil-maltempata li sehhet f'Settembru, 2012 il-garaxx ta' l-Imsida kien ghereq bl-ilma u li kien hemm numru ta' vetturi f'dan il-garaxx ta' l-Imsida li gratilhom il-hsara. Qal li ma jiftakarx fejn kienet il-vettura proprjeta tas-socjeta rikorrenti. Dan il-garaxx ta' l-Imsida ghadu jintuza sal-lum ghas-*service* u tiswija tal-vetturi. Qal ukoll li huma jiehdu l-prekawzzjonijiet kollha sabiex ma jkunx hemm *flooding* fil-garaxx u ghar-rigward ta' l-istruttura huwa qal li din sal-lum ghadha l-istess bhal ma kienet f'Settembru, 2012.

In kontro-ezami huwa qal li dan kien kaz eccezzjonali hafna li dahal l-ilma fil-garaxx. Huwa kien ilu jahdem hemm mis-sena 1987 u li min dak iz-zmien lil hawn din kienet l-ewwel darba li jiftakar li gara hekk u cioe li dahal l-ilma fil-garaxx. L-ilma tat-triq jeqleb lejn il-faccata u mhux lejn is-*showroom* tal-karozzi. Imbaghad hemm il-wisa tad-drive-in li tiehu madwar zewg karozzi u fiha fond ta' bejn ghoxrin u hamsa u ghoxrin metru. Il-workshop jinghalaq bil-firrolli. Dak in-nhar tal-maltempata dahal l-ilma anke fl-ufficju tieghu u huwa seta jara s-sufan jghola bl-ilma. Qal li s-socjeta intimata ghandha CCTV footage ta' dan l-incident u obbliga ruhhu li jesebih f'seduta sussegwenti. Mistoqsi jekk kienux ghamlu *sandbags* max-*shutter* huwa qal li dak-in-nhar li dahal l-ilma ma ghamlux izda kienu ghamlu l-ghada. Qal li dak-in-nhar li dahal l-ilma ma ghamluhomx ghas-semplici fatt li ma kienux qeghdin jistennew li jidhol l-ilma. Zied jghid li fl-art tal-

*workshop* hemm sistema ta' gutters u l-ilma jidhol fihom u johrog il-barra. Ikkalkula li kien hemm gholi ta' madwar hamsin centimetru ilma fil-*workshop*. Mistoqsi mit-Tribunal jekk huma thallsux ta' dawn il-hsarat li garbet is-socjeta intimata UCIM Co. Ltd fil-*workshop* taghha minhabba din il-maltempata, x-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Ghar-rigward ta' kif inhi mqasma l-binja tas-socjeta intimata UCIM Co Ltd huwa qal li fil-*groundfloor* jaghmlu s-*servicing* tal-vetturi filwaqt li fl-ewwel sular isir il-*panelbeating.*

Dak-in-nhar tal-maltempata "*kien hemm xi drain pipes li nfaqghu li minnu jghaddi l-ilma tax-xita mis-saqaf infaqghu u b'hekk kien hemm ilma mis-saqaf diehel ghal gol-garaxx*".

5. **Xehed Anthony Cauchi**, *senior claims manager* tas-socjeta intimata Elmo Insurance Limited. Mistoqsi jekk kienx hemm xi pagamenti li saru minnha ghar-rigward ta' vetturi li kienu jinsabu fil-garaxx tas-socjeta intimata fir-rigward tal-maltempata li kienet sehhet f'Settembru, 2012 huwa qal li ma kien hemm l-ebda pagament minnhom f'dan ir-rigward lis-sidien tal-vetturi. Stqarr pero li "*jista jkun li kien hemm xi pagamenti li ahna affettwajna mal-Pater Holdings Limited li tifforma parti minnha l-UCIM Co. Dan pero taht obbligazzjoni kontrattwali*" (fol. 36). Aktar tard fix-xhieda tieghu huwa qal li kienu saru hlasijiet direttament lil Pater Holdings u dan bis-sahha ta' polza li din ta' l-ahhar kellha maghhom u ghalhekk il-hlasijiet li s-socjeta minnu rapprezentata ghamelt kienu saru l-ghaliex huma kienu kontrattwalment marbutin li jaghmlu dan il-hlas. Huwa obbliga ruhhu li ghas-seduta li jmiss igib il-polza ta' l-assikurazzjoni li hemm u li tahtha huma halsu u d-dokumenti dwar il-pagamenti li saru lil UCIM Co. Ltd jew lil Pater Holdings. L-istess haga kellhu jaghmel ghar-rigward ta' xi *claim* li seta kien hemm ghar-rigward tal-vettura tas-socjeta rikorrenti.

6. **Il-Perit Philip Grech** qal li huwa kien gie nkarigat mis-socjeta intimata Elmo Insurance Limited sabiex ihejji rapport dwar il-maltempata li kienet

sehhet fit-3 ta' Settembru, 2012 u dan fil-kuntest ta' l-gharar li kien sehh gewwa l-Imsida. Huwa fil-fatt hejja dan ir-rapport datat 20 ta' Gunju, 2014 u esebixxa kopja tieghu li gie mmarkat bhala dok. PG 1 (fol. 82). Huwa qal li mill-figuri li huwa gab mill-ufficju metejorologiku irrizultalu li l-"*peak tal-intesita tax-xita kienet ta' disghin millimetru fis-siegha f'hin qasir hafna*" (fol. 79). F'temp ta' tlett kwarti ta' siegha, kompla qal ix-xhud, kienu nizlu sebgha u sittin (67) millimetru ta' xita li huma ekwivalenti ghal 90 millimetru fis-siegha. Qal ukoll li "*maltempata ta' din ix-xorta tigri darba kull hamsa u sebghin sena u allura hija ferm u u ferm izjed minn norma stabbilita anki mill-istudju li kien sar mill-politeknika ta' Milan mill-Gvern sabiex jkun jista jiddizinja l-mini u stone* [recte: storm] *water relief mill-Gvern*" (fol. 80). Stqarr li ghal din il-maltempata "*dak li jkun ma setax jipprevedi ghaliha domestikament*" (fol. 80). Mistoqsi x'tip ta' *water management* ghandha s-socjeta intimata UCIM Co. Ltd., huwa qal li din ghandha "*water ducts li jitfghu l-ilma l-barra tax-xita l-barra jigifieri l-ilma tax-xita li jaqa fuqhom johrog il-barra*" (fol. 80). Apparti dan, il-garaxx huwa merfuh il-fuq aktar mil-livell tat-triq u huwa madwar 400 metru l-boghod mit-tarf tat-triq. Qal ukoll li t-triq li hemm faccata tas-*showroom* proprjeta tas-socjeta intimata teqleb in-naha l-ohra b'madwar erba' mitt (400) millimetru. Bhala ilma fis-*showroom* qal li huwa kkonstata li kien hemm madwar seba' mitt (700) millimetru mill-ghola parti tat-triq. Mistoqsi jekk is-socjeta intimata UCIM Co. Ltd setatx taghmel xi haga sabiex ittaffi l-problema ovvja ta' l-gharar li jkun hemm f'dik l-akkwata, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u zied ighid li hija "*ma setatx taghmel dan peress illi meta ghola l-ilma sal-livell sal-ghola livell ta' dik it-triq cioe erba' mitt millimetru meta kien hiereg imbaghad l-ilma mill-UCIM Co dan beda jahbat mal-ilma li diga kien qieghed hemmhekk u jerga lura u allura ma seta jsib l-ebda zvogg l-ilma li kien hemm fil-UCIM Co. Jiena m'ghandi l-ebda dubju li dan li sehh nikklassifikah bhala force majeure*" (fol. 81). Ghar-rigward ta' meta nbniet is-*showroom* proprjeta tas-socjeta intimata huwa qal li skont il-pjanta din iggib id-data ta' l-4 ta' Dicembru, 1968 u li l-istruttura li hemm fil-groundfloor qatt ma tbiddlet min dak iz-zmien lil hawn. Qal ukoll li l-maltemp fit-3 ta' Settembru, 2012 lehaq il-quccata tieghu f'zewg

okkazzjonijiet, darba fil-hamsa ta' filghodu u darba fl-erbgha ta' wara nofsinhar.

In kontro-ezami, huwa qal li l-ilma li dahal fil-proprjeta tas-socjeta intimata UCIM Co. Ltd kien diehel ukoll mit-triq. Sahaq li l-livell tat-triq ma huwiex iddisenjat sabiex jiehu dak il-livell ta' ilmijiet. Qal li s-showroom tal-UCM Co kien mahsub ghall-kwistjoni ta' gharar pero f'dan il-kaz partikolari ma bediex ilahhaq mal-livelli ta' l-ilma u l-hrug ta' l-ilma mill-istess proprjeta. Huwa qal li l-ilma ma bediex johrog minn gox-*showroom* peress li l-livell ta' l-ilma fit-triq kien izjed gholi mill-livell tal-katusi u allura dan beda jigi mblukkat awtomatikament. Sahaq li "*ma tistax taghmel mizuri preventivi sabiex dan it-tip ta' ilma tilqghu u dan peress li l-ilma f'dan il-kaz kien wied*" (fol. 107). Anke il-katusi li hemm maghmula mill-Gvern fit-triq kienu jahsbu ghal maltempati li l-qawwa taghhom tigi darba kull hames snin. F'dan il-kaz, u kif diga kien qal, din it-tip ta' maltempata ssehh darba kull hamsa u sebghin sena. Mistoqsi mit-Tribunal jekk is-socjeta intimata setatx taghmel xi haga aktar milli ghamlet sabiex tevita li jkun hemm dak l-gharar gol-proprjeta taghha huwa wiegeb u qal "*iva setghet tabbanduna l-post biss*" (fol. 107). Zied ighid li anke l-Gvern ghamel il-parti tieghu biex gara dak li gara ghand is-socjeta intimata u cioe li l-katusi li kien ghamel ma kienux kbar bizzejjed sabiex jiehdu dan it-tip ta' ilma. Qal ukoll li soluzzjoni li setat issir kien li l-ilma jitfuh il-barra permezz ta' pompa "*pero din il-pompa kienet tispicca tilqa l-ilma li kien gej minn barra, tahdem minghajr ma tieqaf u tinharaq*" (fol. 108). Dwar il-pompa li sema fix-xhieda tieghu, l-Perit Grech qal li pompa biex tlahhaq mal-kwantita ta' ilma li kien hemm riedet tkun kbira hafna, daqs l-Awla numru 19.

7. **Adrian Galea**, direttur generali tal-Malta Insurance Association qal li l-assocjazzjoni minnu rapprezentata kienet ghamlet ezercizzju ghar-rigward tal-maltempata li kienet sehhet fit-3 ta' Settembru, 2012. Qal li dan l-ezercizzju kien sar peress li mir-rapporti tal-*media* kien irrizulta li din il-maltempata kienet ta' certu portata u huma riedu jaraw x'tp ta' *claims* kienu saru mal-membri taghhom. Huwa esebixxa dokument (AG1 a fol. 100) u li

fih hemm indikat li bhala hlasijiet u riservi ghar-rigward tal-maltempata imsemmija kien hemm l-ammont ta' €5,273,912.

8. **Anthony Pisani**, operations manager mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili qal li huma ma kienux gew infurmati mill-Met Office li kien ser ikun hemm maltempata kmieni filghodu fit-3 ta' Settembru, 2012. Ghal dik li sehhet wara nofsinhar huma kienu gew infurmati. Qal li t-tip ta' maltempata li sehhet huma jsejhulha bhala *flas flood* u cioe taghmel ix-xita malajr u jkun hemm hafna kurrenti fit-toroq u meta tieqaf ix-xita imbaghad l-ilma jikklirja wahdu.

9. **Kenneth Camilleri**, l-kap tad-dipartiment tal-*motor claims* fi hdan il-kumapnija Middlesea Insurance plc qal li s-socjeta minnu rapprezentata kienet hallset lil certa Anne Jones il-valur tal-vettura taghha, liema vettura kienet qeghda fil-pussess tas-socjeta intimata meta sehhet il-maltempata u li giet *beyond economical repair*. Mistoqsi x'kienet ir-raguni l-ghala s-socjeta minnu rapprezetata hallset lil imsemmija Jones, huwa qal li kienu tnejn ir-ragunijiet. Fl-ewwel lok qal li peress li din il-vettura kienet fil-pussess tas-socjeta intimata hija kellha taghmel hilitha sabiex dak li effettivament gara ma jigrix u fit-tieni lok l-ghaliex fil-passat kien hemm kazijiet simili li kienu ta' l-istess kobor u xorta ta' gharar bhal dak in kwistjoni fejn is-socjeta intimata setat tiehu misuri preventivi. Qal li perezempju l-gharar li kien sehh fit-12 ta' Settembru, 2003 kien aghar minn dak li sehh fit-3 ta' Settembru, 2012 u "*allura jiena nghid illi l-Pater Holdings jew il-Waldorf setghet facilment tipprevedi illi l-pozizzjoni tal-binja taghha kienet qeghda hazina u ma haditx preventive measures, dik hija l-opinjoni taghna*" (fol. 110). Huwa qal li kulhadd jaf li l-lokalita fejn tinsab ix-*showroom* tas-socjeta intimata huwa soggett ghal gharar u allura messa hadet hsieb li taghmel mizuri preventivi u apparti dan, il-maltempata bdiet xi granet qabel u allura s-socjeta intimata kellha zmien bizzejjed sabiex tiehu hsieb li dak li sehh ma kienx isehh.

10. **Charlot Vella,** claims handler mas-socjeta intimata Elmo Insurance Limited qalet li s-socjeta intimata l-ohra UCIM Co Ltd kienet resqet *claim* ghar-rigward ta' l-oggetti li gratilhom il-hsara minhabba l-maltempata tat-3 ta' Settembru, 2012 u li kienu jinsabu fil-proprjeta taghha. Hija qalet li s-socjeta minnha rapprezentata hallset lis-socjeta intimata ghall-oggetti li kienet gratilhom il-hsara minhabba l-ingress ta' ilma.

Ikkunsidra ulterjorment;

11. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata Elmo Insurance Limited hija li hi ma hijiex il-legittima kontradittrici tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Din is-socjeta ghandha ragun f'dan ir-rigward, l-unika rabta li hija ghandha ma din il-vicenda hija li din is-socjeta hija l-assikuratrici tas-socjeta intimata UCIM Co. Ltd. Jekk it-Tribunal isib htija ghar-rigward ta' l-akkadut huwa jaghmel hekk fil-konfront ta' din l-ahhar socjeta u mhux fir-rigward ta' l-Elmo Insurance Ltd. Ghalhekk, din l-eccezzjoni sejra tintlaqa u konsegwentement sejjer jillibera lis-socjeta intimata Elmo Insurance Limited mill-osservanza ta' dan il-gudizzju.

12. Is-socjeta intimata UCIM CO. Limited stqarret li l-hsarat subiti mis-socjeta rikorrenti graw b'accident jew b'forza magguri a tenur tal-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta dan peress li fit-3 ta' Settembru, 2012 il-gzejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija u inaspettata li hallietherba shiha f'diversi lokalitajiet partikolarment fic-centru u n-nofsinhar ta' Malta fejn jinsab l-istabbiliment taghha. L-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."*

13. Tajjeb li wiehed jibda billi jaghmel distinzjoni bejn il-kaz fortuwitu u l-forza magguri. Il-forza magguri hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti[1]. Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali[2]. Il-kaz fortuwitu da parti l-ohra huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza[3]. In oltre, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'*bonus pater familias*' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'*colpa*[4]. Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu[5]. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Inghad ukoll li l-kaz fortuwitu, l-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni[6] u allura l-kuncett tal-forza magguri "*viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*[7]". Ghalhekk, il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza

---

[1] Ara **Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008;

[2] Ara **Micallef vs Belle Mc Cance** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1953 [XXXVII-I-636], u **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 2001;

[3] Ara ukoll **Delia v. Segretarju Permanent et**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju, 2004 u **Borg Falzon v. Darmanin**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-7 ta' Gunju, 1940;

[4] Ara **Kurunell Hugh v. Negte Busuttil** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-16 ta' Novembru, 1942;

[5] Ara **Falzon vs Formosa** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Dicembru, 1991;

[6] Ara Kollez. Vol. **XXX P III p 142**;

[7] Ara **P.L. Constantino Fenech noe vs Camillo Gatt noe et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju, 1902 (Kollez. Vol **XVIII P II p 164)** u **Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fl-14 ta' Novembru, 1919 Vol. **XXIV P I p 172**

magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribuwixxa l-fatt posittiv jew negattiv tal-bniedem.

14. Fil-kawza fl-ismijiet **P.L. Constantino Fenech noe vs Camillo Gatt noe et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju, 1902 (Vol. XVIII/II/164) inghad, fost affarijiet ohra li "*poiche e di volgare diritto che a costituire il caso fortuito non e sufficiente un avvenimento insolito, immoderato, e che sia il prodotto delle forze della natura, senza il concorso del fatto dell' uomo; ma e pur anco necessario che sia inevitabile, tale cioe da non potersi, collo esercizio dell' ordinaria diligenza di un buon padre di famiglia, evitare. Ma il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita che ne deriva, viene meno, quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo, e questo l'abbia determinato; poiche, in tale caso, il danno non puo dirsi inevitabile ed ha per causa diretta od indiretta il fatto doloso o colposo dello uomo*" (pg. 168).

15. It-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta intimata ma tistax tirnexxi f'din id-difiza taghha. Ibda biex, l-lokalita fejn tinsab is-*showroom* taghha huwa notorjament maghruf ghal-*flooding*. Din mhux xi haga recenti izda huwa min dejjem notorjament maghruf li meta jkun hemm ix-xita, l-Wied ta' l-Imsida jghereq. Ghalhekk, u ragjonevolment, it-Tribunal jifhem li din il-problema kienet ben nota ghas-socjeta intimata u li hija kienet ser tiehu l-prekawzzjonijiet kollha sabiex din il-kwistjoni ta' l-gharar ma jkollhiex effett, jew almenu, tnaqqas drastikament l-effetti, li kien ser ikollha fuq il-proprjeta taghha u l-proprjeta ta' terzi li kienu fil-proprjeta taghha. Minkejja dan il-fatt, l-*groundfloor level* tax-*showroom* baqa l-istess kif kien meta inbena fin-1968. Jidher bic-car li minkejja li s-socjeta intimata kienet taf b'dan kollu, hija baqghet ma ghamlet xejn ghar-rigward tal-*groundfloor level* taghha, baqghet topera minnu u ma haditx hsieb li taghmel, preventivament, misuri sabiex jilqghu ghal din l-eventwalita ta' l-gharar. Inghad li l-ilma li kien hemm fil-binja ma sabx svog ghal barra t-triq u dan peress li l-katusa li minnha johrog l-ilma kienet tinsab taht il-livell ta' l-ilma li kien hemm fit-triq u ghalhekk din giet imblukkata. Dan kollu juri kemm

bir-rispett kollu s-socjeta intimata ma kienitx tiehu bis-serjeta l-kwistjoni ta' l-gharar. Apparti dan, irrizulta ukoll mix-xhieda li d-*drain pipes* li minnhom jghaddi l-ilma tax-xita mis-saqaf infaqghu u dan kompla jzid il-problema l-ghaliex l-ilma beda ovvjament jaqa gewwa u ma setax johrog il-barra. F'sitwazzjoni fejn ikollok proprjeta li tinsab f'post maghruf ghall-gharar it-Tribunal jifhem li jkollok aktar min mizura wahda sabiex taghmel tajjeb ghal hrug ta' l-ilma mill-proprjeta. Hija biss skuza li wiehed jigi jghid li ghal dan il-kaz japplika l-artikolu 1029 tal-Kodici Civili. Is-socjeta intimata taf min fejn topera, taf kemm dan il-post huwa notorju ghal-ilqugh ta' l-ilma tax-xita u allura messa hadet dawk il-prekawzzjonijiet li missier tajjeb tal-familja kien jiehu sabiex jipprotegi l-proprjeta tieghu. Haga li s-socjeta intimata baqghet ma ghamlitx f'dan il-kaz. Ghalhekk ghal din il-hsara tahti biss is-socjeta intimata. Tajjeb li jinghad ukoll li s-socjeta intimata l-ohra l-Elmo Insurance Limited kienet hallset lis-socjeta intimata UCIM Co. Ltd ghal hsarat li din ta' l-ahhar kienet garbet fi hwejjigha waqt din il-maltempata.

16. Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-provi migjuba mis-socjeta rikorrenti kemm tramite x-xhieda ta' Matthew Grech kemm ghar-rigward tad-dokumentazzjoni esebita huma sodisfacenti sabiex it-talba tas-socjeta rikorrenti tintlaqa u hekk sejjer jaghmel. Dan apparti li d-dokumentazzjoni esebita u l-ammonti hemm indikati baqghu qatt ma gew ikkontestati. Anke r-rata ta' sittin euro (€60) kuljum li qeghda titlob is-socjeta rikorrenti ghal telf ta' qliegh huwa wiehed ragjonevoli. Wara kollox, irrizulta ukoll mill-provi li s-socjeta rikorrenti imminimizzat id-danni taghha.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta Elmo Insurance Limited u konsegwentement qieghed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata UCIM Co. Ltd u qieghed jghaddi biex jilqa t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata UCIM Co. Ltd thallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' tlett elef erba' mija u tmenin euro [€3,480] bl-imghaxijiet

legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-1 ta' Novembru, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tas-socjeta Elmo Insurance Limited jithallsu mis-socjeta rikorrenti filwaqt li s-socjeta intimata UCIM Co. Limited ghandha thallas il-kumplament ta' l-ispejjez kollha.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**